MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 1902/2001/1

**Valle Del Miele Limited**

**vs**

**Raphael Aloisio, Malcolm Booker, Steve Cachia, Edward Camilleri, Andrew Manduca, Paul Mercieca u Stephen Paris personalment u fil-kapacita` taghhom ta' partners tal-kumpanija Deloitte & Touche Certified Public Auditors & Accountants**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu provvediment dwar jekk l-appell interpost mill-konvenuti minn sentenza in parte moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili hux null o meno minhabba li jidher li sar "fuori termine". Dan il-punt gie sollevat mill-Qorti *ex officio* fl-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2004.
2. Permezz tas-sentenza taghha tal-**1 ta' Dicembru, 2003** il-Prim Awla tal-Qorti Civili rrespingiet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti[1], kif ukoll irrespingiet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti fir-rigward ta' l-ewwel talba ta' l-atturi u rrizervat li tiddeciedi dwar it-tieni eccezzjoni fir-rigward tat-talbiet l-ohra fi stadju ulterjuri[2].

3. Permezz ta' rikors prezentat fit-**3 ta' Dicembru, 2003** il-konvenuti talbu l-permess, skond l-Artikolu 231(1) tal-Kap. 12, sabiex ikunu jistghu jappellaw minn din is-sentenza in parte. B'digriet tal-4 ta' Dicembru, 2003, giet ordnata n-notifika tal-kontroparti, bi zmien jumejn ghal risposta.

4. Fl-udjenza tat-**12 ta' Dicembru, 2003** – din l-udjenza kienet diga` giet iffissata fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru, 2003, cioe` meta effettivament inghatat is-sentenza parzjali – tat il-permess taghha fit-termini tal-Artikolu 231 imsemmi sabiex isir l-appell.

5. Ir-rikors ta' appell gie pprezentat fid-**29 ta' Dicembru, 2003**.

6. Fl-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2004 din il-Qorti halliet il-kawza ghal provvediment dwar il-kwistjoni tar-ritwalita` tal-appell interpost – minhabba li kienu ghaddew aktar minn ghoxrin gurnata mid-data tas-sentenza – ghal-lum, b'dan li

[1] L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens li huma kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju peress li "…kemm personalment kif ukoll bhala partners ta' Deloitte & Touche, qatt ma kellhom relazzjoni ta' kwalsiasi natura mas-socjeta` attrici, u illi s-socjeta` attrici m'ghandha l-ebda dritt ta' azzjoni kontra taghhom."
[2] It-tieni eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens illi l-azzjoni hija intempestiva "…stante li s-socjeta` attrici sallum ma sofriet l-ebda hsara u n-nuqqas ta' interess guridiku biex is-socjeta` attrici tippromuovi din l-azzjoni stante li din hija biss ipotetika u mhux reali." L-ewwel talba ta' l-atturi hi li l-Qorti "tiddikjara illi bil-mod kif il-konvenuti hejjew ir-rapport mhux kwalifikat tal-awditur, fir-rigward tas-socjeta` Price Club Operators Limited, l-istess konvenuti agixxew b'mod negligenti u/jew frawdolenti, u b'hekk ikkagunaw danni lis-socjeta` attrici."

tat lill-partijiet zmien biex jipprezentaw noti ta' osservazzjonijiet fuq dan il-punt procedurali. Dawn in-noti gew debitament prezentati – dik tal-konvenuti fis-26 ta' Mejju, 2004, u dik tas-socjeta` attrici appellata fit-3 ta' Gunju, 2004.

7. Ezaminati dawn in-noti, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddipartixxi minn dak deciz minnha[3] fis-sentenza tas-16 ta' Dicembru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet ***Markiza Cremona Barbaro of St. George noe v. Joseph u Cecilia konjugi Vella Galea***, u cioe` li appell minn sentenza in parte ghandu jigi prezentat fi zmien ghoxrin jum mid-data tas-sentenza u mhux mid-data ta' l-awtorizzazzjoni moghtija skond l-Artikolu 231 ga msemmi. Kif inghad f'dik is-sentenza, filwaqt li fil-kaz ta' appell minn digrieti interlokutorji il-legislatur kien specifiku sia dwar it-terminu kif ukoll dwar minn meta dan it-terminu jibda jiddekorri, fil-kaz ta' appell minn "sentenza" huwa ghazel li ma jiddistingwix bejn sentenza finali u sentenza in parte, b'mod ghalhekk li t-terminu ta' ghoxrin jum mid-data tas-sentenza stabbilit fl-Artikolu 226(1) ghandu japplika wkoll ghall-appelli li jsiru in segwitu ghall-awtorizzazzjoni moghtija skond il-proviso tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 231 tal-Kap. 12. Jigi precizat, a propozitu ta' dak li nghad fl-ewwel paragrafu tat-tieni pagna tan-nota tal-appellanti, li l-kwistjoni ta' jekk appell sarx fiz-zmien stabbilit fil-ligi hi kwistjoni ta' ordni pubbliku, u ghalhekk sollevabbli *ex officio* mill-Qorti.

8. Ghall-motivi premessi tiddikjara l-appell tal-konvenuti tad-29 ta' Dicembru, 2003 irritu u null peress li gie pprezentat fuori termine, u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. L-ispejjez ta' dana l-appell ikunu a karigu ta' l-appellanti solidament bejniethom. Il-Qorti tordna li l-atti jigu minnufih rinvjati lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex din tkompli tisma' l-kawza skond il-ligi.

---

[3] Decizjoni ta' l-Ewwel Sezzjoni ta' din il-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------